**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Elton Taliana)**
**vs**
**Senthuran Arudsothy**

**Illum, 17 ta' Lulju, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Senthuran Arudsothy**, detentur tal-karta tal-identita' nru DB0647587;

> Akkuzat talli fis-17 ta' Lulju 2016 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03.30hrs) minn gewwa Triq Santu Wistin, San Giljan:-
>
> > Ikkometta serq ta' mobile tal-ghamla iPhone 5S ghad-dannu ta' Kristina Barac, liema serq huwa aggravat bil-hin' u bil-'valur' li jiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37).

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega’ afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, u l-ammissjoni tieghu fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 267, 270, 279, 280 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah sentejn habs sospizi ghal erba’ snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Il-Qorti stante illi l-Prosekuzzjoni m'ghandhiex kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kumpilazzjoni tinstema' bil-procedura sommarja tordna li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur